Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1137

29.5.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1137

tas-26 ta' Mejju 2026

dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw in-nefqa finanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2025

(notifikata bid-dokument C(2026) 3359)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 104(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 51 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 104(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2116, l-Artikolu 4(1), il-punt (b), l-Artikolu 5, l-Artikolu 7(3), l-Artikoli 9, 17, 21 u 34, l-Artikolu 35(4), l-Artikoli 36, 37, 38, 40 sa 43, 51, 52, 54, 56, 59, 63, 64, 67, 68, 70 sa 75, 77, 91 sa 97, 99 u 100, l-Artikolu 102(2) u l-Artikoli 110 u 111 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jibqgħu japplikaw, fir-rigward tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), b'rabta man-nefqa mġarrba u l-pagamenti li saru għas-sena finanzjarja 2025.

(2) Skont l-Artikolu 64, it-tieni paragrafu, il-punt (a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 ([3]), l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 3(2), l-Artikolu 4(1), il-punt (b), l-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 7, l-Artikoli 21 sa 25, l-Artikolu 27, l-Artikolu 28, l-Artikolu 29, l-Artikolu 30(1), il-punti (a), (b) u (c), l-Artikolu 30(2), (3) u (4), u l-Artikoli 31 sa 40 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 ([4]) jibqgħu japplikaw, fir-rigward tal-FAEG, b'rabta man-nefqa mġarrba u l-pagamenti li saru għas-sena finanzjarja 2025.

(3) Skont l-Artikolu 64, it-tieni paragrafu, il-punt (c), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128, l-Annessi II u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 jibqgħu japplikaw għall-finijiet tal-Artikolu 32, il-punti (f) u (g), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128 għas-sena finanzjarja 2025.

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1306/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/128 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-verifiki, il-garanziji u t-trasparenza (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 131, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/128/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 59, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/908/oj).

(4) Skont l-Artikolu 40, it-tieni paragrafu, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ([5]), l-Artikolu 5, l-Artikolu 5a, l-Artikolu 7(3) u (4), l-Artikolu 10, l-Artikolu 11(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 12, l-Artikolu 13 u l-Artikolu 41(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([6]) jibqgħu japplikaw, fir-rigward tal-FAEG, b'rabta man-nefqa mġarrba u l-pagamenti li saru għas-sena finanzjarja 2025.

(5) Skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2021/2116, u abbażi tal-kontijiet annwali sottomessi mill-Istati Membri, li magħhom intbagħtet l-informazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni tal-kontijiet u opinjoni tal-awditjar dwar il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet u tar-rapporti stabbiliti mill-korpi ta' ċertifikazzjoni, il-Kummissjoni trid tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/2116 qabel il-31 ta' Mejju tas-sena li tiġi wara s-sena baġitarja inkwistjoni.

(6) F'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2021/2116, is-sena finanzjarja agrikola tibda fis-16 ta' Ottubru tas-sena N-1 u tispiċċa fil-15 ta' Ottubru tas-sena N. Waqt l-approvazzjoni tal-kontijiet għas-sena finanzjarja 2025, jenħtieġ li titqies in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2024 u l-15 ta' Ottubru 2025, f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128.

(7) L-Artikolu 33(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 u l-Artikolu 35(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128 jipprevedu li l-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati mingħand kull Stat Membru jew pagabbli lilhom, f'konformità mad-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 u fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128, iridu jiġu stabbiliti billi jitnaqqsu l-pagamenti ta' kull xahar għas-sena finanzjarja kkonċernata, min-nefqa rikonoxxuta għal dik is-sena, f'konformità mal-Artikolu 33(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 u mal-Artikolu 35(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/128. Il-Kummissjoni trid tnaqqas dak l-ammont mill-pagament fix-xahar jew iżżidu miegħu, fir-rigward tan-nefqa li tkun saret fit-tieni xahar wara l-approvazzjoni tad-deċiżjoni dwar il-kontijiet.

(8) Il-Kummissjoni ċċekkjat l-informazzjoni li ssottomettew l-Istati Membri u kkomunikat ir-riżultati tal-iċċekkjar tagħha lill-Istati Membri, flimkien mal-emendi li qed tipproponi.

(9) Għall-aġenziji tal-pagamenti kollha, il-kontijiet annwali u d-dokumenti mehmuża magħhom jippermettu li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni dwar il-kompletezza, l-akkuratezza u l-veraċità tal-kontijiet annwali sottomessi.

(10) Skont l-Artikolu 41(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikolu 39(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/2116, il-Kummissjoni trid tivverifika l-konformità tal-Istati Membri mal-perjodi ta' pagament u mal-limiti massimi finanzjarji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-pagament tal-għajnuna lill-benefiċjarji u trid tiddeċiedi dwar it-tnaqqisiet possibbli tal-pagamenti ta' kull xahar lill-Istati Membri.

(11) Skont l-Artikolu 40, l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2021/2116 flimkien mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014 u l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127, rispettivament, meta l-pagamenti jkunu saru wara l-aħħar data possibbli tal-pagament, il-Kummissjoni trid tnaqqas l-ammont tal-pagamenti ta' kull xahar mogħtija lill-Istati Membri u taġġusta

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/907/oj).

l-impatt finanzjarju tat-tnaqqis proporzjonalment għad-dewmien fil-pagament billi tapplika r-rati differenti previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014 u l-Artikolu 5(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127. F'konformità mal-Artikolu 5(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014 u mal-Artikolu 5(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127, kwalunkwe skadenza tal-pagamenti li tinqabeż trid titqies, l-aktar tard, fid-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet. Parti min-nefqa ddikjarata minn ċerti Stati Membri matul is-sena finanzjarja tal-2025 saret wara l-iskadenzi applikabbli. Għalhekk, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiffissa t-tnaqqisiet rilevanti.

(12) Skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2021/2116, il-Kummissjoni diġà naqqset għadd ta' pagamenti ta' kull xahar għas-sena finanzjarja 2025 minħabba nefqa li ma saritx f'konformità mar-regoli tal-Unjoni. F'din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra tali ammonti mnaqqsa sabiex tevita li tagħmel xi pagamenti jew rimborżi mhux xierqa jew mhux f'waqthom li aktar tard jistgħu jkunu soġġetti għal korrezzjoni finanzjarja. Meta jkun xieraq, jenħtieġ li l-ammonti inkwistjoni jiġu eżaminati skont il-proċeduri tal-approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2021/2116.

(13) Il-Kummissjoni diġà naqqset il-pagamenti rilevanti ta' kull xahar għas-sena finanzjarja 2025 għall-ammonti dovuti lill-FAEG bħala riżultat tad-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni finanzjarja u tal-konformità, skont l-Artikoli 51 u 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikoli 53 u 55 tar-Regolament (UE) 2021/2116, u d-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116, li applika sal-2025 qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2025/2649 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), eżegwiti mill-Kummissjoni fis-sena finanzjarja 2025. Kwalunkwe ammont bħal dan jitqies f'din id-Deċiżjoni.

(14) Skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, fir-rigward ta' dejn li jirriżulta minn irregolaritajiet relatati man-nefqa msemmija fl-Artikolu 104(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116, l-Istat Membru kkonċernat irid iġarrab 50 % mill-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet jekk l-irkupru ma jkunx sar fi żmien 4 snin mid-data tat-talba għall-irkupru jew fi żmien 8 snin f'każ li l-irkupru jitressaq fil-qrati nazzjonali. L-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jistipula li flimkien mal-kontijiet annwali li għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014, l-Istati Membri jridu jehmżu tabella ċertifikata li tirrifletti l-ammonti li jridu jiġġarrbu minnhom skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Ir-regoli dwar l-applikazzjoni tal-obbligu tal-Istati Membri li jirrapportaw l-ammonti li jridu jiġu rkuprati huma stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014. L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 jistabbilixxi l-mudell tat-tabella li l-Istati Membri jridu jużaw biex jipprovdu l-informazzjoni dwar l-ammonti li jridu jiġu rkuprati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet li jmorru lura għal iżjed minn 4 snin jew għal iżjed minn 8 snin, rispettivament, abbażi tat-tabelli li l-Istati Membri jkunu mlew.

(15) Skont l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, fir-rigward ta' djun li jirriżultaw minn irregolaritajiet relatati man-nefqa msemmija fl-Artikolu 104(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116, għal raġunijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jeħdux passi għall-irkupru. Din id-deċiżjoni tista' tittieħed biss jekk il-kostijiet li jkunu ġġarrbu diġà, u dawk li x'aktarx ikunu se jiġġarrbu, b'kollox ikunu aktar mill-ammont li jrid jiġi rkuprat, jew jekk l-irkupru jkun impossibbli minħabba l-insolvenza, reġistrata u rikonoxxuta skont id-dritt nazzjonali, tad-debitur jew tal-persuni legalment responsabbli mill-irregolarità. Jekk id-deċiżjoni tittieħed fi żmien 4 snin mid-data tat-talba għall-irkupru, jew fi żmien 8 snin f'każ li l-irkupru jitressaq fil-qrati nazzjonali, jenħtieġ li 100 % tal-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas ta' rkupru jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni. L-ammonti li dwarhom Stat Membru partikolari jkun iddeċieda li ma jiħux passi għall-irkupru u r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni jridu jiġu inklużi fil-kontijiet annwali msemmija fl-Artikolu 54(4) ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li dawn l-ammonti ma jiġġarrbux mill-Istati Membri kkonċernati iżda jiġġarrbu konsegwentement mill-baġit tal-Unjoni.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2025/2649 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward tas-sistema tal-kundizzjonalità, it-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagament dirett, it-tipi ta' intervent f'ċerti setturi u l-iżvilupp rurali u r-rapporti annwali tal-prestazzjoni u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward tas-sospensjonijiet tal-pagamenti b'rabta mal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni u l-kontrolli u l-penali (ĠU L, 2025/2649, 31.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2649/oj).

(16) F'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u mal-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2021/2116, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni jaf tieħu sussegwentement biex teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni n-nefqa skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament (UE) 2021/2116,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri huma b'dan approvati fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fir-rigward tas-sena finanzjarja 2025.

L-ammonti rkuprabbli mingħand kull Stat Membru jew pagabbli lilu skont din id-Deċiżjoni, inklużi dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, huma stipulati fl-Annessi I u II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet futuri dwar l-approvazzjoni tal-konformità li l-Kummissjoni jaf tieħu skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2021/2116 biex teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni n-nefqa li ma tkunx saret f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, u għal kwalunkwe miżura neċessarja biex jiġu implimentati deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni li l-Kummissjoni ħadet skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2021/2116 biex teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni n-nefqa li ma jkollhiex output korrispondenti kif irrapportat fir-rapport annwali dwar il-prestazzjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Christophe HANSEN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti

Sena finanzjarja 2025

Ammont li jrid jiġi rkuprat mill-Istat Membru jew li jrid jitħallas lilu

(f'Euro)

Stat Membru		2025 – Nefqa / Dħul Assenjat għall-Aġenziji tal-Pagamenti li għalihom il-kontijiet huma		Total ta' a + b	Tnaqqisiet u sospensjonijiet għas-sena finanzjarja kollha [1]	Ammont li jrid jiġi impost f'konformità mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013	Total li jinkludi t-tnaqqisiet u s-sospensjonijiet	Pagamenti li saru lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja	Ammont li jrid jiġi rkuprat minn (-) jew jitħallas (+) lill-Istat Membru [2]
		approvati	diżassoċjati						
		= nefqa / dħul assenjat dikjarati fid-dikjarazzjoni annwali	= total tan-nefqa / tad-dħul assenjat fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar						
		a	b	c=a+b	d	e	f=c+d+e	g	h=f-g
AT	EUR	705 303 609,43	0,00	705 303 609,43	- 1 249,82	- 10 566,26	705 291 793,35	705 215 860,58	75 932,77
BE	EUR	552 674 038,83	0,00	552 674 038,83	- 1 813 013,45	- 180,16	550 860 845,22	551 143 888,97	- 283 043,75
BG	BGN	0,00	0,00	0,00	0,00	- 269,76	- 269,76	0,00	- 269,76
BG	EUR	850 250 703,41	0,00	850 250 703,41	- 12 013 301,93	0,00	838 237 401,48	836 734 071,66	1 503 329,82
CY	EUR	54 707 041,72	0,00	54 707 041,72	- 4 596,92	0,00	54 702 444,80	54 714 901,94	- 12 457,14
CZ	CZK	0,00	0,00	0,00	0,00	- 187 118,56	- 187 118,56	0,00	- 187 118,56
CZ	EUR	856 724 675,41	0,00	856 724 675,41	- 2 161 618,48	0,00	854 563 056,93	854 735 355,58	- 172 298,65
DE	EUR	4 488 921 027,48	0,00	4 488 921 027,48	- 2 515 056,79	- 225 835,06	4 486 180 135,63	4 487 055 574,18	- 875 438,55
DK	DKK	0,00	0,00	0,00	0,00	- 11 440,99	- 11 440,99	0,00	- 11 440,99
DK	EUR	826 880 517,78	0,00	826 880 517,78	- 7 881 336,86	0,00	818 999 180,92	818 995 914,58	3 266,34
EE	EUR	201 853 033,89	0,00	201 853 033,89	22 010,04	0,00	201 875 043,93	201 878 838,92	- 3 794,99
ES	EUR	5 707 157 495,17	0,00	5 707 157 495,17	- 10 300 430,52	- 237 377,91	5 696 619 686,74	5 698 834 318,61	- 2 214 631,87

(f'Euro)

Stat Membru		2025 – Nefqa / Dħul Assenjat għall-Aġenziji tal-Pagamenti li għalihom il-kontijiet huma		Total ta' a + b	Tnaqqisiet u sospensjonijiet għas-sena finanzjarja kollha (1)	Ammont li jrid jiġi impost f'konformità mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013	Total li jinkludi t-tnaqqisiet u s-sospensjonijiet	Pagamenti li saru lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja	Ammont li jrid jiġi rkuprat minn (-) jew jitħallas (+) lill-Istat Membru (2)
		approvati	diżassoċjati						
		= nefqa / dħul assenjat dikjarati fid-dikjarazzjoni annwali	= total tan-nefqa / tad-dħul assenjat fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar						
		a	b	c=a+b	d	e	f=c+d+e	g	h=f-g
FI	EUR	527 888 566,90	0,00	527 888 566,90	- 535 491,70	- 8 214,39	527 344 860,81	527 341 599,29	3 261,52
FR	EUR	7 381 245 788,01	0,00	7 381 245 788,01	- 18 691 598,32	- 184 304,65	7 362 369 885,04	7 366 225 046,45	- 3 855 161,41
EL	EUR	1 776 683 240,35	0,00	1 776 683 240,35	- 167 227 652,11	- 528 369,98	1 608 927 218,26	1 610 086 516,71	- 1 159 298,45
HR	EUR	389 342 232,84	0,00	389 342 232,84	- 8 038 025,73	- 237 571,18	381 066 635,93	381 219 994,09	- 153 358,16
HU	EUR	1 399 175 342,28	0,00	1 399 175 342,28	- 11 158 797,85	0,00	1 388 016 544,43	1 388 016 544,43	0,00
HU	HUF	0,00	0,00	0,00	0,00	- 240 529 466,00	- 240 529 466,00	0,00	- 240 529 466,00
IE	EUR	1 177 728 349,18	0,00	1 177 728 349,18	1 129 816,48	- 6 526,78	1 178 851 638,88	1 177 726 221,31	1 125 417,57
IT	EUR	4 217 246 453,70	0,00	4 217 246 453,70	- 14 910 412,84	- 27 879 632,34	4 174 456 408,52	4 204 278 186,53	- 29 821 778,01
LT	EUR	597 630 028,39	0,00	597 630 028,39	- 7 857 067,10	- 7 458,25	589 765 503,04	589 772 961,29	- 7 458,25
LU	EUR	33 254 107,96	0,00	33 254 107,96	- 435 310,60	0,00	32 818 797,36	32 731 479,54	87 317,82
LV	EUR	338 563 823,95	0,00	338 563 823,95	- 1 588,29	- 366,14	338 561 869,52	338 557 520,08	4 349,44
MT	EUR	9 816 998,31	0,00	9 816 998,31	3,05	0,00	9 817 001,36	9 814 519,23	2 482,13
NL	EUR	731 017 423,04	0,00	731 017 423,04	- 22 814 771,89	0,00	708 202 651,15	708 176 189,75	26 461,40
PL	EUR	3 574 240 998,87	0,00	3 574 240 998,87	- 1 135 446,08	0,00	3 573 105 552,79	3 573 107 188,77	- 1 635,98
PL	PLN	0,00	0,00	0,00	0,00	- 15 495 071,55	- 15 495 071,55	0,00	- 15 495 071,55

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/1137/oj

(f'Euro)

Stat Membru		2025 – Nefqa / Dħul Assenjat għall-Aġenziji tal-Pagamenti li għalihom il-kontijiet huma		Total ta' a + b	Tnaqqisiet u sospensjonijiet għas-sena finanzjarja kollha (1)	Ammont li jrid jiġi impost f'konformità mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013	Total li jinkludi t-tnaqqisiet u s-sospensjonijiet	Pagamenti li saru lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja	Ammont li jrid jiġi rkuprat minn (-) jew jitħallas (+) lill-Istat Membru (2)
		approvati	diżassoċjati						
		= nefqa / dħul assenjat dikjarati fid-dikjarazzjoni annwali	= total tan-nefqa / tad-dħul assenjat fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar						
		a	b	c=a+b	d	e	f=c+d+e	g	h=f-g
PT	EUR	904 546 850,88	0,00	904 546 850,88	- 25 823 328,59	- 12 931,63	878 710 590,66	876 805 879,34	1 904 711,32
RO	EUR	1 968 028 614,52	0,00	1 968 028 614,52	- 41 096 754,88	0,00	1 926 931 859,64	1 927 025 905,36	- 94 045,72
RO	RON	0,00	0,00	0,00	0,00	- 69 413 305,78	- 69 413 305,78	0,00	- 69 413 305,78
SE	EUR	699 103 000,78	0,00	699 103 000,78	- 5 142 179,94	0,00	693 960 820,84	694 001 502,17	- 40 681,33
SE	SEK	0,00	0,00	0,00	0,00	- 148 060,50	- 148 060,50	0,00	- 148 060,50
SI	EUR	136 670 994,34	0,00	136 670 994,34	0,00	0,00	136 670 994,34	136 781 882,34	- 110 888,00
SK	EUR	406 240 285,08	0,00	406 240 285,08	- 690 789,18	- 198,63	405 549 297,27	405 702 763,08	- 153 465,81

(1) It-tnaqqisiet u s-sospensjonijiet huma dawk meqjusa fis-sistema tal-pagamenti, li magħhom jiżdiedu, b'mod partikolari, il-korrezzjonijiet minħabba n-nuqqas ta' rispett tal-iskadenzi tal-pagamenti u tnaqqisiet oħra kif imsemmi fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u l-Artikoli 39-42 tar-Regolament (UE) 2021/2116.

(2) Għall-kalkolu tal-ammont li jrid jiġi rkuprat mill-Istat Membru jew li jrid jitħallas lilu, l-ammont li jitqies hu, it-total tad-dikjarazzjoni annwali għan-nefqa approvata u t-total tal-pagamenti li jsiru fix-xahar għan-nefqa approvata. Rata tal-kambju applikabbli f'konformità mal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2022/127.

Stat Membru		Nefqa (1)	Dħul assenjat (1)	Artikolu 54(2) (=e)	Total (=h)
		08 02 06 01	6200	6200	
		i	j	k	l = i+j+k
AT	EUR	86 499,03	0,00	- 10 566,26	75 932,77
BE	EUR	0,00	- 282 863,59	- 180,16	- 283 043,75
BG	BGN	0,00	0,00	- 269,76	- 269,76
BG	EUR	1 503 329,82	0,00	0,00	1 503 329,82

Stat Membru		Nefqa ([1])	Dħul assenjat ([1])	Artikolu 54(2) (=e)	Total (=h)
		08 02 06 01	6200	6200	
		i	j	k	l = i+j+k
CY	EUR	0,00	- 12 457,14	0,00	- 12 457,14
CZ	CZK	0,00	0,00	- 187 118,56	- 187 118,56
CZ	EUR	0,00	- 172 298,65	0,00	- 172 298,65
DE	EUR	0,00	- 649 603,49	- 225 835,06	- 875 438,55
DK	DKK	0,00	0,00	- 11 440,99	- 11 440,99
DK	EUR	3 266,34	0,00	0,00	3 266,34
EE	EUR	0,00	- 3 794,99	0,00	- 3 794,99
ES	EUR	0,00	- 1 977 253,96	- 237 377,91	- 2 214 631,87
FI	EUR	100 829,79	- 89 353,88	- 8 214,39	3 261,52
FR	EUR	0,00	- 3 670 856,76	- 184 304,65	- 3 855 161,41
EL	EUR	0,00	- 630 928,47	- 528 369,98	- 1 159 298,45
HR	EUR	84 213,02	0,00	- 237 571,18	- 153 358,16
HU	EUR	0,00	0,00	0,00	0,00
HU	HUF	0,00	0,00	- 240 529 466,00	- 240 529 466,00
IE	EUR	1 131 944,35	0,00	- 6 526,78	1 125 417,57
IT	EUR	0,00	- 1 942 145,67	- 27 879 632,34	- 29 821 778,01
LT	EUR	0,00	0,00	- 7 458,25	- 7 458,25
LU	EUR	87 317,82	0,00	0,00	87 317,82
LV	EUR	23 577,90	- 18 862,32	- 366,14	4 349,44
MT	EUR	10 536,99	- 8 054,86	0,00	2 482,13
NL	EUR	26 461,40	0,00	0,00	26 461,40
PL	EUR	0,00	- 1 635,98	0,00	- 1 635,98

Stat Membru		Nefqa ([1])	Dħul assenjat ([1])	Artikolu 54(2) (=e)	Total (=h)
		08 02 06 01	6200	6200	
		i	j	k	l = i+j+k
PL	PLN	0,00	0,00	- 15 495 071,55	- 15 495 071,55
PT	EUR	1 917 642,95	0,00	- 12 931,63	1 904 711,32
RO	EUR	0,00	- 94 045,72	0,00	- 94 045,72
RO	RON	0,00	0,00	- 69 413 305,78	- 69 413 305,78
SE	EUR	0,00	- 40 681,33	0,00	- 40 681,33
SE	SEK	0,00	0,00	- 148 060,50	- 148 060,50
SI	EUR	0,00	- 110 888,00	0,00	- 110 888,00
SK	EUR	0,00	- 153 267,18	- 198,63	- 153 465,81

([1]) BL 08 02 06 01 għandu jinqasam bejn il-korrezzjonijiet negattivi li jsiru dħul assenjat f'BL 62 00 u dawk pożittivi favur l-iSM li issa għandhom jiġu inklużi fin-naħa tan-nefqa 08 02 06 01 kif imsemmi fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u fl-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2021/2116.

NB: Nomenklatura 2025: 08 02 06 01 , 6200

ANNESS II

Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti

Sena finanzjarja 2025 – FAEG

Korrezzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 *

Stat Membru	Munita	Fil-Munita nazzjonali	F'Euro
CY	EUR	0,00	0,00
CZ	CZK	0,00	0,00
HU	HUF	0,00	0,00
LV	EUR	0,00	0,00
MT	EUR	0,00	0,00
PL	PLN	13 456,46	0,00
SI	EUR	0,00	0,00
SK	EUR	0,00	0,00

(*) Ammonti li jridu jiġu imposti fuq l-Istati Membri minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-Istrument Temporanju tal-Iżvilupp Rurali (STŻR) iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2004 tal-5 ta' Jannar 2004 li jwaqqaf ir-regoli dettaljati tranżizzjonali għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-iffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG tal-miżuri tal-iżvilupp rurali fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 36))